# DIZZJUNARJU
# TAS-SINÔNMI MALTIN

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel)*

Fuq dawn il-prinċipji, jew rwiegel (dawk li tajna fl-aħħar Għadd ta' "Il-Malti") ikunu jistgħu jinħadmu—dejjem bil-għaqal u bi ftit tad-dehen—is-sinônmi l-oħra, nomi u aġġettivi bħal ma jidhru fil-mirja li ġejjin :

*Nixxiegħa*, *qattara*, *ċarċara*, *għajn*, *fawwara.*

Dawn il-ħames kelmiet huma kollha nomi u fil-qalba tagħhom ifissru kollha kemm huma *"ħruġ ta' ilma minn xi mkien."*

*Nixxiegħa* tfisser *ħruġ* ta' ilma mill-blat, jew minn xi ħaġa oħra, iżda hekk bil-mod li, biex tkun tista' tinqeda bih, jeħtieġlek qabel tħallih jinġabar f'xi konka.

Il-verb li minnu toħroġ din il-kelma *nixxiegħa* jurina ċar xi tfisser minn dawn il-mirja li ġejjin : "Dan iż-żir *inixxi,*" "Taħt għafsa qawwija l-metal ukoll *inixxi.* Blata mxebbgħa "*tnixxi.*"

*Qattara* tfisser ħruġ ta' ilma, jew ħaġ'oħra maħlula bħalu, iżda qatra qatra. *Dan iż-żir iqattar* ifisser xi ftit aktar minn *dan iż-żir inixxi*. It-*tnixxija* toħroġ bħal għaraq u tista' ma *tqattarx*.

*Ċarċara* tfisser *ħruġ*, jew *uqigħ* ta' ilma aktar qawwi minn dak ta' *qattara*. Il-kelma ġejja mill-ħoss li jagħmel l-ilma, jew maħlul ieħor, mita jinżel xi ftit bil-qawwi u jaqa' fl-art jew fuq ilma ieħor. Ara : "Fis-sienja hemm dejjem *ċarċara* tal ilma." "Jekk inti timla mill-bir u ma żżommx is-satal imwieżen, jagħmel *ċarċara*.

*Għajn* = ħruġ ta' ilma, aktar minn *nixxiegħa* u aktar minn *qattara*, iżda li joħroġ bi ftit tas-saħħa u ma jaqta' xejn. Ara : Għamilt idi kejla u xrobt mill-*għajn*.

*Fawwara* = ħruġ ta' ilma bħal ta' *għajn*, iżda fil-waqt li l-ilma tal-*għajn* joħroġ aktarx mimdud, dak tal-*fawwara* joħroġ mill-art u jbaqbaq u jfur bħal ma jagħmel il-misħun minn borma jew stanjata tagħli.

Fuq dawn jistgħu jinħadmu wkoll dawn in-nomi li ġejjin :

a) Bard (Bruda) kesħa, reżħa, sirda.

b) Ħabel, gumna, ċima, rumnell, siegla.

c) Naqra, farka, nitfa, tentufa, niskata, għabra, daqsxejn etc.

Qabel nagħlaq din il-biċċa tan-nomi sinônmi, irrid ingħid fuq "tarf" u "tmiem".

*Tarf* ifisser l-*aħħar xifer ta' ħaġa* materjali, u aktarx *fil-mimdud*, b.k. *tarf-il-ħabel*; *tarf tal-bejt*; *tarf tat-triq* : iżda mhux *tarf tal-kampnar*; *tarf tas-siġra*; *tarf ta' l-arblu*.

*Tmiem*, aktarx ta' ħaġa li *ma hix materjali*, fiha nfisha; b.k: *it-tmiem tal-ktieb*, li jfisser *it-tmiem tal-qari* u mhux *it-tarf tal-karta*: it-tmiem tax-xogħol; it-tmiem tal-jum.

*Tarf* iġiblek bħal ħjiel ta' mixi sal-aħħar tal-medda.

*Tmiem* iġiblek ħjiel ta' kedd, ta' ħela sa kemm ma jibqa' xejn.

Min *jittarraf*, jiġġarraf.

Min jaħdem bla mistrieħ, *jintemm* qabel iż-żmien.

(*Jissokta*)

**Dun Karm**